MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tat-30 ta' Gunju, 2005

Appell Civili Numru. 35/2003

**Mario Gauci**

**vs**

**L-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar.**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors ta' l-Appell ta' Mario Gauci datat 14 t'Ottubru 2003 a fol. 1 tal-process fejn gie premess:-

Illi in segwitu ta' avviz biex tieqaf numru 1216/01, mahrug mill-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar fil-konfront ta' l-esponenti, fid-29 ta' Novembru 2001 l-esponenti kien interpona appell ghal quddiem il-Bord ta' l-Appelli Dwar l-Ippjanar.

Illi b'sentenza moghtija mill-Bord ta' l-Appelli Dwar l-Ippjanar moghtija fis-26 ta' Settembru 2003, il-Bord

iddecieda l-kaz billi cahad l-appell u konsegwentement ikkonferma l-avviz biex tieqaf u ta' twettieq u pprefiggiet terminu meta ghandu jigi fis-sehh it-twettieq.

Illi l-esponenti hass ruhu aggravat bl-imsemmija sentenza u minnha qed jinterponi appell ghal quddiem dina l-Onorabbli Qorti.

Illi l-fatti fil-qosor huma s-segwenti:

Illi l-esponenti permezz ta' produzzoni ta' dokumenti wera li effettivament il-fond mertu tal-kaz huwa kopert b'licenzja *(i.e. trading licence)* mahruga mill-Pulizija. Din il-prova saret biex turi li effettivament ma kien hemm ebda tibdil u cjoe *"change of use"* kif qed jigi allegat.

Illi l-imsemmi dokumenti ossia t-*"Trading Licence"* giet ikkonfermata mill-Pulizija stess. Fl-istess xhieda rrizulta li ma kienx jezisti *"site plan"* anness ma' l-istess licenzja.

Illi rrizulta wkoll illi l-imsemmi *"trading licence"* jirrisali ghas-sena 1991 u mill-istess dokument hemm x'juri ghal liema fond kien qieghda tirreferi l-licenzja.

Illi mix-xhieda rrizulta li fis-sena 1991 (u cjoe' d-data li kienet inharget il-licenzja), l-esponenti ma kellu ebda bini iehor minn fejn kien jiggestixxi n-negozju tieghu.

Illi l-Awtorita' ta' l-Ippjanar argumentat illi l-imsemmi *"trading licence"* ma kienx jirreferi ghall-fond mertu tal-kaz izda kien jirreferi ghall-fond iehor proprjeta' ta' l-esponenti u minn fejn jiggestixxi n-negozju tieghu llum.

Illi l-aggravju jikkonsisti fis-segwenti:-

Illi l-Bord ibbaza d-decizjoni tieghu fuq konkluzjoni li t-*"trading licence"* kien jirreferi ghall-fond iehor u mhux dik mertu tal-kaz. Illi dan huwa zball ghar-raguni ewlenija u cjoe' li fiz-zmien li nharget il-licenzja in kwistjoni, l-esponenti ma kellux fond iehor hlief il-fond mertu tal-kaz. U *inoltre* d-decizjoni tal-Bord ma hija kkorroborata bl-ebda mod minn xi dokumenti.

Illi l-esponenti jissottometti illi l-licenzja in kwistjoni ma setghet qatt tigi addebitata lill-fond iehor li dak iz-zmien kien inezistenti, u kwindi inkoncepibbli kif il-Bord wasal ghal tali konkluzjoni.

Illi ghaldaqstant filwaqt li l-esponenti jaghmel referenza ghall-provi prodotti u filwaqt li jirriserva li jipproduci dawk il-provi kollha permessi mill-ligi, jitlob bir-rispett li dina l-Onorabbli Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza moghtija mill-Bord ta' l-Appelli Dwar l-Ippjanar fis-26 ta' Settembru 2003 fl-ismijiet premessi billi tiddikjara l-avviz biex tieqaf *(enforcement notice)* numru 1216/01, mahrug mill-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar fil-konfront ta' l-esponenti, fid-29 ta' Novembru 2001 null u konsegwentement jigi rtirat. Bl-ispejjez kontra l-istess appellat.

Rat id-dokumenti esebiti a fol. 4 sa 7 tal-process;

Rat ir-risposta ta' l-Awtorita' ta' l-Ippjanar datata 30 t'Ottubru 2003 a fol. 9 tal-process fejn intqal:-

1. Illi l-appellant kien servut b'avviz biex tieqaf u ta' twettieq numru 1216/01, liema avviz gie appellat quddiem il-Bord ta' l-Appelli dwar l-Ippjanar u konsegwentement inghatat sentenza fuq dan l-appell fejn gie michud u l-avviz ta' twettieq gie kkonfermat.

2. Illi l-appell odjern interpost mill-applikant quddiem dina l-Onorabbli Qorti huwa null *stante* li mhuwiex qed isir minn *"punti ta' ligi decizi mill-Bord"* a tenur ta' l-**artikolu 15 (2) ta' l-Att I ta' l-1992.** L-Onorabbli Qorti ta' l-Appell mhijiex it-tielet istanza fejn tista' tigi kontestata kwalunkwe decizjoni tal-Bord ta' l-Appell, izda jista' jsir appell ristrett biss dwar punt ta' ligi li jkun gie deciz mill-Bord.

Illi ghal dan il-ghan qed jigi kkwotat id-decizjoni **"Angelo Farrugia vs Chairman ta' l-Awtorita' ta' l-Ippjanar"** deciza fl-24 t'April 1996, fejn l-aggravju ta' l-appellant kien li l-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar kien interpreta b'mod

skorrett il-Pjan ta’ Struttura u naqas milli japplika certu dispozizzjonijiet li l-appellant hass li kellhom jigu applikati.

Illi l-Onorabbli Qorti ta’ l-Appell, f’dan l-istess kaz, kienet qalet hekk:-

*“Tali nterpretazzjoni … hija esklussivament fil-mansjoni ta’ l-ezercizzju tal-poteri ta’ l-organi ta’ l-Awtorita’ ta’ l-Ippjanar u l-ahhar arbitru dwarhom hu finalment il-Bord ta’ l-Appell u mhux din il-Qorti. Altrimenti, din il-Qorti tkun qieghda tissostitwixxi l-gudizzju taghha f’materja teknika li tispetta biss kond il-ligi lit-Tribunal Specjali mwaqqaf b’ligi biex jiddetermina materji ta’ din ix-xorta.”*

Illi dan ir-ragunament kien ikkonfermat recentament fid-decizjoni moghtija minn dina l-Onorabbli Qorti bl-ismijiet **“John Micallef vs Kummissjoni ghall-Kontroll ta’ l-Izvilupp”** (App. 216/00).

Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost u fil-mertu, huwa veru li giet esebita *“trading licence”* mahruga mill-Pulizija imma mhux vera illi mill-istess dokument hemm x’juri ghal liema sit qed tirreferi din il-licenzja. Fil-fatt fix-xhieda taghha, il-Pulizija qalet illi mhux soltu li ma jkunx hemm *“site plan”* annessa, u ghalhekk hi ma tistax tghid ghal liema fond qed tirreferi din il-licenzja ghax huma bhala Pulizija ma jidhlux fiha.

Illi huwa minnu li l-imsemmija *“trading licence”* tirrisali ghas-sena 1991 u ghalhekk hija mprobabbli li din il-licenzja tirreferi ghall-fond mertu ta’ l-avviz ta’ twettieq *stante* li l-bdil fl-uzu sar fl-2001 u ghalhekk din il-licenzja zgur ma kenitx tirreferi ghal xi haga li kienet ser issir fil-futur.

Illi l-uniku xhieda ta’ l-appellant keinet it-*“trading licence”* illi ma harigx car ghal liema fond kienet qed tirreferi, izda din giet ribattuta bix-xhieda ta’ l-*“enforcement officer”* ta’ l-Awtorita’ esponenti Charles Gafa’ fejn qal f’pagna hamsa tad-decizjoni:-

*“Nirreferi ghal Red 7 fl-enforcement file li hija pjanta. Fejn hemm indikat bl-ittra “A” turi l-yard fejn originarjament beda jahdem il-Burmarrad Commercials li hi koperta bil-licenzja tal-Pulizija. L-ittra “B” turi showroom li l-bini huwa kopert b’permess PA 2103/97 u qed tintuza postijiet “A” u “B” mhumiex koperti bl-enforcement. L-ittra “C” tindika l-post li huwa kopert bl-ECF 1216/01 li jikkonsisti f’hanut ghall-bejgh ta’ spare parts tat-trakkijiet.”*

Illi ghalhekk id-decizjoni tal-Bord ta’ l-Appelli kienet wahda korretta u dan ibbazaha fuq il-fatti u fuq ix-xhieda li kellu quddiemu dakinhar, u ghaldaqstant l-appellant ma jistax jappella fuq evalwazzjoni ta’ fatti li ghamel il-Bord ta’ l-Appell *stante* li dan ma jikkostitwix punt ta’ ligi deciz mill-Bord. Jigi rilevat ukoll li kull punt imqajjem mill-appellant gie dibattut u deciz mill-istess Bord.

In vista tal-premess, l-esponent filwaqt li taghmel referenza ghall-provi gja’ prodotti partikolarment id-decizjoni tal-Bord ta’ l-Appell tas-sitta u ghoxrin (26) ta’ Settembru 2003 u tirriserva li ggib dawk il-provi kollha permessi mill-Ligi, titlob li dina l-Onorabbli Qorti joghgobha, filwaqt li tichad l-appell numru PAB 420/01 KE interpost mill-appellant Mario Gauci, tikkonferma d-decizjoni moghtija mill-Bord ta’ l-Appell dwar l-Ippjanar fis-sitta u ghoxrin (26) ta’ Settembru 2003, bl-ispejjez kontra l-istess appellant.

Rat in-nota tas-Segretarju tal-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar a fol. 13 tal-process, datata 17 ta’ Novembru 2003, fejn permezz taghha esebixxa *animo ritirandi* l-*file* tal-Bord ta’ l-Appell fl-ismijiet **“Mario Gauci vs Awtorita’ ta’ Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar”** deciz mill-istess Bord.

Rat il-verbali tas-seduti tas-26 ta’ Mejju 2004; tas-17 ta’ Novembru 2004; u tas-16 ta’ Marzu 2005 fejn id-difensuri trattaw il-kaz u l-appell gie differit ghas-sentenza ghat-30 ta’ Gunju 2005.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

**II. KONSIDERAZZJONIJIET**

Illi l-fatti li taw lok ghall-appell odjern huma s-segwenti: l-Awtorita’ harget Avviz biex tieqaf fil-konfront ta’ l-appellant li fih gie allegat li huwa ghandu zvilupp minghajr permess li jikkonsisti fi bdil ta’ uzu ta’ garaxx ghal hanut ta’ l-*ispare parts* f’garaxx f’Burmarrad Rd, Burmarrad. L-appellant kien appella quddiem il-Bord ta’ l-Appelli dwar l-Ippjanar li kien cahadlu l-istess appell. B’hekk ipprezenta r-rikors odjern.

Illi l-appellant qed isostni li l-Bord ibbaza d-decizjoni tieghu fuq konkluzjoni li t-*trading licence* li jirrisali ghas-sena 1991 kien jrreferi ghal fond iehor u mhux dak mertu tal-kaz. Skond l-appellant dan huwa zball minhabba li fiz-zmien li nharget il-licezja in kwistjoni huwa ma kellux fond iehor hlief il-fond mertu tal-kaz. *Inoltre* skond hu, id-decizjoni tal-Bord ma hija kkorroborata bl-ebda mod minn xi dokumenti. Il-licenzja qatt ma setghet tigi addebitata lill-fond iehor li dak iz-zmien kien inezistenti, u kwindi inkoncepibbli kif il-Bord wasal ghal tali konkluzjoni.

Illi l-Awtorita’ appellata eccepiet preliminarjament li l-appell interpost huwa null *stante* li mhux qed isir minn *“punti ta’ ligi decizi mill-Bord”* a tenur ta’ l-**artikolu 15 (2) ta’ l-Att I ta’ l-1992.**

Illi l-**artikolu 15 (2)** jiddisponi hekk :-

*“(2) Id-decizjonijiet tal-Bord ghandhom ikunu finali. Ghandu jkun hemm appell lill-Qorti ta’ l-Appell kostitwita skond l-**artikolu 41 (6)** tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili minn dawk id-decizjonijiet biss dwar punti ta’ ligi decizi mill-Bord fid-decizjoni tieghu. Appell minn decizjoni parzjali tal-Bord jista’ jigi pprezentat biss flimkien ma’ appell mid-decizjoni finali tal-Bord.”*

Illi din il-Qorti trattat dan il-punt diversi drabi ohra u a skans ta’ ripetizzjoni taghmel referenza ghall-istess sentenzi moghtija minnha. Huwa sufficjenti ghall-iskop

tal-vertenza odjerna li ssir referenza ghal dak li ntqal fil-kawza **“Emanuel Mifsud vs Il-Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp”** deciza mill-Onorabbli Qorti ta’ l-Appell fil-31 ta' Mejju 1996 inghad ukoll illi:-

*“Din il-Qorti tista' tirrevedi biss kwistjonijiet dwar punti ta' dritt li jkunu decizi mill-Bord. Dan jfisser li m'hemmx appell fuq kwistjonijiet ta' fatt, fuq kwistjonijiet ta' apprezzament ta' provi. M'hemmx dritt ta' appell lanqas fuq punti ta' ligi sakemm dawn ma jkunx espressament decizi fid-decizjoni appellata. Is-semplici applikazzjoni ta' xi dispozizzjoni tal-ligi ghall-fatti li jkunu rrizultaw lill-Bord jew is-semplici ennuncjazzjoni ta' xi dispozizzjoni lanqas ma jaghtu lok ghall-appell quddiem din il-Qorti. Biex l-appell ikun ammissibbli, il-kwistjoni trid tkun necessarjament dwar kwistjoni ta' dritt, li tkun qamet kontroversja dwarha, li tkun giet diskussa w elucidata fil-motivazzjoni u li tkun giet definita fid-decizjoni appellata.”*

Illi m’hemm l-ebda dubju li l-appell interpost mhuwiex punt ta’ dritt imma huwa bbazat biss fuq fatti li gew decizi mill-Bord. Il-Bord kellu dokumenti u provi quddiemu li wassluh ghad-decizjoni tieghu u fl-ebda mument ma ddecieda xi punt ta’ ligi partikolarment meta qal :-

*“Illi mill-provi prodotti quddiem dan il-Bord jirrizulta l-post li huwa ndikat bl-ittra ‘C’ fil-pjanta RED 7 fl-enforcement file ECF 1216/01 li jikkonsisti f’hanut ghall-bejgh ta’ spare parts tat-trakkijiet m’huwiex munit bil-permess relattiv. It-trading licence li giet esebita quddiem dan il-Bord ma tirrelatax ghal dan il-post izda ghal showroom ohra.”*

Illi jinghad *inoltre* li huwa minnu li giet esebita *trading license* mahruga mill-Pulizija, pero’ ma hemm l-ebda dubju li l-istess prova mressqa mill-appellanti giet ikkunsidrata mill-istess Bord ta’ l-Appell dwar l-Ippjanar, li wkoll waslet sabiex taghti l-motivazzjonijiet taghha anke fl-istess decizjoni, ghaliex hija kkunsidrat li tali licenzja tal-pulizja ma kenitx tkopri s-sit milqut bl-ordni jew avviz biex tieqaf u ta’ twettieq.

Illi dan jidher li sar peress li f'dan id-dokument m'hemmx indikazzjoni ghal liema sit kienet qed tirreferi l-istess licenzja (ghalkemm hemm l-indirizz). Fil-fatt jidher li l-istess Bord ta' Appell dwar l-Ippjanar sabiex wasal ghad-decizjoni tieghu ha in konsiderazzjoni dak li rrizulta mix-xhieda tal-pulizija quddiemu, tant li l-istess membru tal-korp iddikjarat li m'hemmx *site plans* ma' l-istess licenzja ghax huma ma jidhlux fis-*sites*. Fil-fatt jidher li l-istess Bord ta' l-Appell ta' l-Ippjanar kkonstata li din il-licenzja tirrisali ghas-sena 1991 meta s-sit mertu tal-vertenza odjerna ma kienx ghadu jezisti, *ergo* zgur li l-licenzja tal-1991 ma kenitx tkopri s-sit mertu ta' l-appell quddiem l-istess Bord. Infatti jirrizulta li l-konkluzjoni tal-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar kienet ibbazata fuq dak li l-istess Bord hass li mill-provi rrizultalu, u cjoe' li fuq is-sit mertu ta' l-appell quddiemu kien sar xi tkabbir fl-inhawi tas-sit kopert bit-*trading licence,* izda li s-sit mertu ta' l-Avviz biex Tieqaf u tat-Twettieq kien jifforma evidentement parti mit-tkabbir u mhux is-sit originali. Ghalhekk ma kienx kopert bl-ebda licenzja tal-pulizija u allura kien hemm *change of use.*

Illi fil-fatt dan jidher li kien ibbazat anke fuq dak li xehed l-*enforcement officer* tal-Awtorita' meta qal:-

*"Nirreferi ghal RED 7 fl-enforcement file li hija pjanta. Fejn hemm indikat bl-ittra "A" turi l-yard fejn originarjament beda jahdem il-Burmarrad Commercials li hi koperta bil-licenzja tal-Pulizija. L-ittra "B" turi showroom li l-bini huwa kopert bi permess PA 2103/97 u qed tintuza postijiet "A" u "B" mhumiex koperti bl-enforcement. L-ittra "C" tindika l-post li huwa kopert bl-ECF 1216/01 li jikkonsisti f'hanut ghall-bejgh ta' spare parts tat-trakkijiet."*

Illi dawn kollha huma konsiderazzjonijiet ta' fatt, u apprezzament ta' provi fattwali li huma fil-kompetenza esklussiva tal-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar, u certament li dak li qed jilmenta fuqu l-appellant odjern quddiem din il-Qorti, bl-ebda mod ma jista' jinghad li jikkwalifika bhala punt ta' dritt deciz mill-Bord ta' l-Appell ta' l-Ippjanar a bazi ta' l-**artikolu 15 (2) tal-Kap 356 tal-Ligijiet ta' Malta**, u ghalhekk isegwi li ma hemm l-ebda

bazi ta' appell skond il-ligi quddiem din il-Qorti. Ghaldaqstant bla ebda dubju l-appell odjern ghandu jigi michud ghar-ragunijiet premessi.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tilqa' l-eccezzjoni preliminari tal-Awtorita' appellata, **tichad l-appell interpost mill-appellant fir-rikors tieghu tal-14 ta' Ottubru 2003** bhala nfondat fil-fatt u fid-dritt, u bla ebda bazi, u ghalhekk tikkonferma d-decizjoni appellata tal-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar fl-ismijiet **"Mario Gauci vs L-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar"** tas-26 ta' Settembru 2003.

Bl-ispejjez kollha kontra l-appellant Mario Gauci.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------